MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 168/2006

**Onorevoli George Pullicino**

**Vs**

**Etienne St. John**

## Il-Qorti:-

Rat illi l-attur pprezenta rikors quddiem din il-Qorti nhar it-tlettax (13) ta’ Gunju 2008 fejn talab lil din il-Qorti sabiex prevja dikjarazzjoni ta’ din il-Qorti, li l-allegazzjonijiet imxandra minnu waqt il-programm “Mill-Gurnali ta’ Ilum” ta’ Super One Radio tad-disgha w ghoxrin (29) ta’ Mejju 2006 – li taghhom tidher it-traskrizzjoni annessa Dok. A – huma malafamanti u libelluzi fil-konfront tieghu u ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu, tikkundanna lill-konvenut  ihallas dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Qorti ai termini ta’ l-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjes.
Rat illi l-konvenut gie notifikat bl-avviz fuq imsemmi nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta-Novembru 2006 kif jirrizulta mir-riferta tal-Marixxal Marco Bonnici li tidher a fol, 6 izda dan nonnostante baqa' kontumaci u ma pprezenta ebda nota ta' eccezzjonijiet.

Rat il-verbal ta din il-Qorti kif preseduta tas-sittax (16) ta' Marzu 2007 fejn rikjamat il-kawza odjerna quddiemha u dan wara li l-Magistrat li kien qed jisma din il-kawza rtira bl-eta.

Rat ghalhekk li l-konvenut gie notifikat bir-riappuntament tal-kawza odjerna nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Frar 2008 kif jirrizulta mir-riferta tal-Marixxal Charles Cassar esebita a tergo ta' fol. 9.

Rat li l-konvenut ma deher ghall-ebda udjenza ta' din il-Qorti w ghalhekk il-provi kollha li ngabru u li gew imresqa mill-attur, gew hekk migbur fl-assenza tieghu u dan ghaliex dehrlu li ma kellux ghalfejn jikkontesta t-talbiet attrici.

Illi nhar is-sittax (16) ta' Ottubru 2007 xehed l-attur l-**Onorevoli George Pullicino.** Huwa kkonferma li nhar id-disgha w ghoxrin (29) ta' Mejju 2006 fuq Super One Radio waqt il-programm imxandar jismu "Mill-gurnali ta' Ilum" kien hemm referenza ghalih li fil-fatt hass ruhu ingurjat biha.
Spjega li fost l-affarijiet li ntqalu b'mod partikolari laqtitu dik il-parti tax-xandira fejn intqal li l-bidliet proposti mill-Kabinet, li jifforma parti minnu, huma xkora ta' korruzzjoni. Il-konvenut ex admissis ighid:- "*Il-bidliet proposti fiz-zona ta' l-izvilupp, jigifieri dawk li huma artijiet barra miz-zona ta' l-izvilupp li dehlin issa fiz-zona ta' l-izvilupp. Bidliet proposti huma xkora ta' korruzzjoni u hawnehkk jidhol George Pullicino li b'mod qawwi haseb fil-hbieb tieghu biex issa li gejja l-elezzjoni jilhaq itihom ir-rigali li jrid itihom.*"

Huwa zied ighid li dan il-programm kien imhejji minn Etienne St. John, il-konvenut odjern. Huwa ghamel

referenza ghall- kopja tat-*transcript* imhejji minnu u li jinsab esebit fil-process u markat bhala Dok. CSH.

Mitlub jispjega ghaliex effettivament hass ruhu ngurjat b'dawk il-kliem fuq rapportati jghid li ovvjament l-intiza kollha f'din ir-riferenza hija li allegatament huwa ghamel decizjoni li tiffavurixxi xi hbieb tieghu u b'mod li jaghtihom rigal ghaliex effettivament huma hbieb tieghu. Dan huwa jichdu b'mod kategoriku u qal li kien hemm ezercizzju mibni fuq kriterji li kienu totalment pubblici u l-process kien totalment miftuh ghall-konsultazzjoni pubblika u ma kien hemm l-ebda decizjoni li ttiehdet a bazi ta' min kien l-proprjetarju tal-art inkwistjoni li dahlet fiz-zona. Ghalhekk ikkonkluda li dak li gie allegat li sar minnu, kien kollu inveritier.

Illi nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Jannar 2008 xehed **Dottor Simon Manicolo** in rapprezentanza tal-Awtorita tax-Xandir w esebixxa kopja tat-*tape* tax-xandira "Mill-gurnali ta' llum" mxandra fuq Super One Radio fid-disgha w ghoxrin (29) ta' Mejju 2006. Dan id-dokument gie markat bhala Dok. X.

Ikkunsidrat:-

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tezamina dak li ntqal mill-konvenut fid-dawl tax-xandira li giet esebita il-Qorti u tara jekk id-diskors tieghu kienx malafamanti fil-konfront tal-attur.

Illi stante il-kontumacja tal-konvenut ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-provi prodotti.

Illi l-principji applikabbli f'materja ta' libelli gew stabbiliti f'diversi sentenzi, fosthom **Marin Hili vs Felix Agius** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar t-tlieta (3) ta' Dicembru 1998, **<u>Onor. Joseph Debono Grech vs Joseph Zahra</u>** deciza wkoll mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar l-ewwel (1) ta Lulju 1999 u **<u>Rev. Joseph Borg vs Felix Agius</u>** deciza mill-istess Qorti tal-Prim Awla nhar l-erbatax (14) ta' Ottubru 1999, fejn gew indikati l-binarji li ghandhom jigu segwiti skond il-gurisprudenza nostrali

anke fid-dawl tal-Kostituzzjoni ta' Malta u liberta ta' espressjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Bniedem fejn bl-Att X1V ta' l-1987, illum Kap 319. Illi 'n effetti l-principju baziku ta' l-essenzjalita ta' dan id-dritt f'socjeta demokratika gie postulat bi precisjoni fil-kaz ta' **Handyside vs r-Renju Unit (1976),** meta l-Qorti ta' Strasburgu sostniet is-segwenti:-

*"Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of (a democratic) society, one of the basic conditions for its progress and for the development of every man…It is applicable not only to information or ideas that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb the state of any sector of the population. Such are the demands ot that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no democratic society."*

Illi biex ghalhekk ikun jista jintlahaq dan il-ghan nobbli li hu meqjus tant essenzjali, ghall-armonija socjali, jinhtieg li jkollna gurnalismu li jaghti nformazzjoni w idejat fuq kwalunkwe materja t'interess pubbliku ghaliex hu dan, u dan biss li hu ghall-gid komuni.
Illi ghalhekk, f'kaz ta' konflitt, spetta ghall-ordni gudizzjarju ndipendenti li ghandu l-oneru li jibilancja, bi prudenza, b'ghaqal oggettiv u b'fermezza fejn mehtieg, l-interessi konflliggenti – f'dan il-kaz bejn l-attur li jirritjeni li kellu r-reputazzjoni tieghu aggredita u l-konvenut li qed jizbanderixxi l-i*standard* tal-liberta tal-kelma favur tieghu.

M'hemmx dubbju ghalhekk li fost il-principji llum stabbiliti, jinghad li l-iktar wiehed mill-importanti huwa il-bilanc li jrid jinzamm bejn "il bzonn li s-socjeta demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opnijoni w l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb li kull persuna f'socjeta demokratika ghandu kull dritt li jgawdi" ("**Vincent Borg vs Victor Camilleri et.** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili deciza nhar il-hmistax (15) ta'Novembru 1994 Vol. LXXVII. I. l.372).

Illi huwa ghalhekk car li daqs kemm hija mehtiega l-liberta tal-espressjoni, hekk ukoll hija mehtiega l-liberta tal-espressjoni, hekk ukoll essenzjali u huwa wkoll dritt inaljenabbli, li wiehed jipprotegi l-fama tieghu bil-mezzi legali kollha disponibbli.
Illi kulhadd huwa liberu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu u anke jaghti gudizzju tieghu, pero tali espressjoni ma ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni tal-istess u l-fama tieghu, meta tali atti lanqas ikunu veri.

Infatti fis-sentenza **Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar id-dsatax (19) ta' Jannar 1996 intqal li;-

*"Il-linja mediana fejn proprio d-dritt t'espressjoni libera taccedi dak regonevoli w ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor, huwa proprio…..fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti."*

Illi huwa sinifikanti li jigi nnotat dak li ntqal fis-sentenza **Anglu Fenech pro et noe vs Carmelo Callus** deciza nhar l-erbgha (4) ta' Frar 2000 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn inghad li fid-dawl tal-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Bniedem, fejn bl-Att XlV tal-1987, illum Kap 319, partijiet sostanzjali tal-istess Konvenzjoni Ewopeja tad-Drittijiet tal-Bniedem saru parti mill-Ordinament Malti, b'dan li mhux biss tali artikoli saru parti mill-ligi Maltija, izda wkoll il-Qrati taghna iridu jiehdu 'n konsiderazzjoni, il-gurisprudenza tal-istess Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, stante li llum hemm access ukoll ghall-Qorti Ewropeja tad-Drittjiet Umani, u dan in omagg ukoll tal-Artikolu 47(7) li jistabilixxi li s-supremazija tal-ligi Kostituzzjonali f'dawk li huma l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi fil-kawza **Mons Anton Gauci vs Michael Schiavone et** deciza nhar it-tmienja (8) ta' Novembru 1995 intqal illi meta l-ingurja hija diretta kontra persuna fizika:

"*Il-margini ta' tolleranza twessa, u mhux kull kumment qawwi w anke azzardat jikkwalifika bhala iingurja*." *"Dak*

*li l-Qorti ghandha tippermetti l-attitudini fil-kritika li tista tkun mhux biss iebsa izda wkoll azzardata entro l-limiti accettati tad-dicenza permessibbli f'socjeta demokrtika*" u tali regoli ghandhom jigu applikati b'iktar wiesgha f'kazijiet li lejha hija indirizzata tali kritika tkun ta' certa notorjeta pubblika, il-kritika tkun ta' interess tkun ta' certa notorjeta pubblika, il-kritika tkun ta' interess pubbliku, u fejn il-kritika tkun ibbazata fuq, u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri.

Illi l-istess gie affermat fis-sentenzi **John Zammit vs Felix Agius** deciza nhar il-hmistax (15) ta' Marzu 2001, **Dr. Joseph Troisi vs Rev Fr Emmanuel sive Noel Grima et** deciza nhar it-tlieta (3) ta' Ottubru 2000 u **Av.Dr. A.Borg Cardona vs Dr. J. S. Abela et** deciza nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Jannar 2002, ilkoll mill-Prim Awla tal-Qorti Civili.
Illi ghal dak li jittratta dwar persuni pubblici tajjeb ukoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh fil-kuntest ta' kritika tal-istess persuni u politici u ta' l-operat taghhom, kienet u ghadha permessa l-attitudni wiesgha ta' fehmiet u opinjonijiet horox anke jekk mhux misthoqqa u kultant ingusti. Dik il-gurisprudenza giet elaborata f'diversi gudikati f'dawn l-ahhar snin, fosthom is-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Vincent Borg vs Victor Camilleri et** fuq citata.

Pero fl-istess sentenza inghad li l-Qorti kienet tissottoskrivi li r-restrizzjonijiet li taghmel il-Ligi ta' l-Istampa (Kap 248) ghandhom jigu nterpretati fid-dawl ta' l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll fl-isfond ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif dan dejjem gie interpretat fil-gjurispreudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani.

"*Dan l-izvilupp fis-sistema legali taghna huwa zvilupp sinifikanti hafna ghal pajjizna billi ma jistax ma jkollux l-effett li jwessa d-dritt ta' l-espressjoni. Madankollu f'dan l-izvilupp essenzjali l-istampa mainghatat ebda passaport ta' mmunita billi tibqa dejjem il-htiega li jinzamm sens ta' proporzjon bejn il-liberta ta' l-espressjoni w c-censura tal-malafama. Dejjem jehtieg li jinzamm bilanc bejn il-bzonn li f'socjeta demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-*

*liberta li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza ta' reputazzjoni, unur u l-isem tajjeb li kull persuna f'socjeta demokratika ghandha kull dritt li tgawdi."*

Illi wiehed irid f'dan il-kuntest ihares lejn il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja kif qed tizviluppa wara s-sentenza awtorevoli w immorattiva fil-kaz "**Lingens"** u fil-kaz iehor **"Oberschlick"** fejn il-Qorti Ewropeja rriteniet li ma kienitx mehtiega f'socjeta demokratika, ligi li tirrikjedi l-prova tal-verita ta' opinjonijiet rigward figuri politici bhal ma hu l-attur odjern. Kuncett dan zviluppat fis-sentenza fil-kawza "**Thorgierson vs Iceland"** (1992) li billi l-applikant kien gie misjub hati ta' malafama tal-Pulizija f'diversi artikoli kritici hafna tal-komportament u dixxiplina taghhom.

Issa fil-kawza dwar il-politici l-Kumissjoni Ewropeja rriteniet fis-sentenza taghha **Schwabe vs Austria** illi:

*"Politicians must be prepared to accept criticism even if far fetched but that such criticism must be founded on correct factual statements. It somewhat mitigated what correctness required when it said 'In a short contribution to a discussion and the behaviour of politicians and the political morals not every word can be weighed to exclude any possibility of misunderstanding.' The Court conflated the facts and opinion of Schwabe's article – they amounted to a value judgment for which proof of truth is possible."* (**Harris Boyle Warbrick,** Law of the European Convention on Human Rights pg. 397 et seq).

Issa fil-kawza in desamina ma hemmx dubbju li l-attur huwa persuna pubblika tant li jokkupa il-kariga ta' Ministru fil-Kabinet Malti.

Illi ma hemmx dubbju li b'dak li qal l-konvenut huwa ittanta ihammeg u jimmalafama l-attur u jgib irreputazjoni f'dell ikrah. Illi hija haga serja hafna li tindika li Ministru jaghmel atti deskriminatorji fil-qadi ta' dmirijietu sabiex jiffavorixxi certu nies minn ohrajn minghajr gustifikazzjoni ta' xejn. In oltre huwa daqstant serju li taghmel kumment bhal dak li ghamel il-konvenut, u cioe li qal li l-attur qabad

u pogga artijiet fi skema approvata meta tali art ma kienitx intitolata li tkun hemm. Specjalment meta tqis dak li qal l-Onorevoli Ministru waqt li kien fil-pedana tax-xhieda, li l-artijiet iddahlu fl-iskema approvata ghall bini wara li kienet saret konsultazzjoni pubblika. Il-konvenut fix-xandira tieghu ndika b’mod vag bla ma ssemma min li l-Onorevoli Ministru iffavorixxa certu nies minn ohra pero huwa naqas li jissostanzja dan il-kumment tieghu fl-andament ta’ dawn il-proceduri.

Kif gie ritenut fis-sentenza fuq citata ta’ **<u>Mons A. Gauci vs M. Schiavone et</u> :**

**“***F’kazijiet li jkunu ggeneraw interess kbir fil-pubblliku u fejn ikunu nvoluti persuni pubblici, l-limiti tal-kummenti huma wiesghin pero hemm dejjem limiti. Tali limiti huma detti fuq kollox minn dak li hu ragonevoli, minn dak li hu decenti u minn dak li jista jkun accettat fis-socjeta ‘n partikolari. Hemm ukoll id-dritt ta’ kull persuna pubblika o meno, li tigi tutelata kemm fil-persuna taghha kif ukoll fil-fama taghha. Implikazjonijiet, minghajr fundament, maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibilment ghal raguni politika… ma jistghu* **qatt** *jigu accettati, la fil kuntest ta’ fatti li qajjmu pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici.”*

Illi dan gie esegwit *ad litteram* fis-sentenzi moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **<u>Onor Dr. Alfred Sant vs Dione Borg et</u>**. deciza nhar it-tletin (30) ta’ April 2002 u **<u>Onor. Alfred Sant vs Gordon Pisani et</u>** deciza fl-istess jum fejn inghad:-

“*Illi dan jinghad ghaliex l-istess generu ta’ persuni ghandhom l-istess drittijiet ghall-preservazzjoni t’integrita u l-fama taghhom daqs haddiehor, u f’certu sens malafama fil-konfront taghhom hija iktar serja, peress li l-operat taghhom huwa dejjem suggett ghall-iskrutinju tal-pubbliku, fuq liema appogg tiddependi l-posizjoni u l-ezistenza taghhom, u ghalhekk tista ssir iktar hsara lill-istess persuni hekk suggetti ghall-opinjoni pubblika.”*

**Il-Qorti ghalhekk rat li l-attur kellu ragun ihoss li gie mmalafamat b'dak li qal l-konvenut nhar id-disgha w ghoxrin (29) ta' Mejju 2006 fuq is-Super One Radio waqt il-programm "Mill-gurnali ta' llum" w ghaldaqstant tiddikjara li tali diskors kien wiehed libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u sar bi skop li jtellef jew inaqqas r-reputazzjoni tieghu u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn lira maltin, ekwivalenti ghal €4660 bhala danni likwidati minn din il-Qorti ai termini ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjes ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------